***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 534 tas-17 ta' Jannar 2022 dwar il-mansjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp**

Fil-Laqgħa 16 tal-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet li nżammet fit-13 ta' Jannar 2022 , l-Onor. Joseph Ellis, waqt li kien qiegħed jindirizza liċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor. Joe Mizzi, qal hekk:

> "**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Aħna nistgħu niddeċiedu li din il-petizzjoni wkoll nibagħtuha lil dan il-Kumitat għall-konsiderazzjoni tiegħu.".

Hawnhekk l-Onor. Ellis kien qiegħed jirreferi għall-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp. Iċ-Chairperson wieġeb:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Inzertajt li ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp huwa jien, u ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp jgħidlek li ma nistgħux niddiskutu dawk. Għandek speċifikament x'jista' jiddiskuti. Ħu paċenzja ma noqogħdux induru. Hemm kollox miktub x'nista' niddiskuti; dak li jibgħatli l-Ministru. Dawk huma r-regolamenti, għalhekk qed ngħidlek hekk. Hemmhekk qegħdin. Mhux jien nagħmilhom.".

Hawnhekk l-Onor. Ellis qal:

> "**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Imma l-Ordni Permanenti 150 jagħmilha ċara li dan il-Kumitat "*shall decide whether the petition shall be referred to a Standing Committee or to a Select Committee*". Issa l-Kumitat dwar l-Ippjanar huwa *a select committee*.".

Iċ-Chairperson irrisponda:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Imma jekk ma jistax jiddiskutihom, ma jiddiskutihomx. Ma jgħidlekx hemmhekk imma jgħidlek il-Kumitat. Inzertajt naf għax jien …".

Hawnhekk l-Onor. Ellis reġa' qal:

> "**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Fil-każ nitolbu lill-Iskrivan tal-Kamra fuq dan il-punt.".

Iċ-Chairperson qal:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Itlob kif trid. Itlob ir-regolamenti imma l-Kumitat tal-Ippjanar inzertajt nafu jien. Kien hemm każijiet u r-risposta ħaduha.".

Imbagħad iċ-Chairperson kompla jgħid:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Ma tistax tibgħatha lill-Planning Authority",

u l-Onor. Ellis wieġeb:

> "**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Kif ma tistax? Għaliex ma tistax?",

u hawnhekk l-istess Onor. Ellis reġa' rrefera għall-Ordni Permanenti 150 u qal:

"**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Hija ċara illi "*it shall also be possible for a petition to be referred to a Ministry, Department or Authority*" u jien qed nissuġġerixxi – ma nafx il-kollega jaqbilx miegħi – li din il-petizzjoni tintbagħat lill-Planning Authority u lill-ERA għall-*feedback* tagħhom ġaladarba l-Permanent Secretaries m'għandhomx id-deċenza li jirrispondu Kumitat Permanenti.".

Hawnhekk iċ-Chairperson qal:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Jien m'għandix diffikultà b'daqshekk, imma mhux il-Kumitat tal-Ippjanar għax għandu r-regolamenti tiegħu.".

Imbagħad l-Onor. Ellis wieġeb:

"**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Hija d-diskrezzjoni tal-Kumitat. Imma wara li jkun hemm *feedback* tal-i*Standing Committee*, jew tal-Ministeru, Dipartiment jew Awtorità, inkella …",

u jkompli:

"**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Il-punt tiegħi huwa li jekk irridu nirrispettaw lilna nfusna, ma nistgħux nibqgħu ostaġġi ta' dawn is-Segretarji Permanenti li qatt ma jirrispondu.".

Qal ukoll hekk:

"**ONOR. JOSEPH ELLIS:** Din hi kwestjoni tal-kredibbiltà tagħna meta s-Segretarji Permanenti ma jirrispondux il-Kumitat Permanenti tal-Parlament.".

Hawnhekk iċ-Chairperson irrisponda u qal:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** Din, jekk taqblu, nibagħtuha lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-*feedback* tagħha. Taqblu?",

u l-Onor. Edwin Vassallo qal:

"**ONOR. EDWIN VASSALLO:** U nibagħtuha wkoll lill-ERA.".

Iċ-Chairperson wieġeb:

"**IĊ-CHAIRPERSON:** U nibagħtuha lill-ERA wkoll, mhux problema.".

Imbagħad kompliet id-diskussjoni dwar jekk din il-petizzjoni tistax tintbagħat quddiem il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, fejn l-Onor. Edwin Vassallo qal:

"**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Nixtieq nagħmel talba oħra ma' dak li qal l-Onor. Joseph Ellis. Jien nixtieq nitlob *ruling* mingħand l-Ispeaker ħalli nkunu mogħtija direzzjoni ftit aktar ċara skont l-Ordni Permanenti 150, li jippermettilna, kif qed jgħid l-Onor. Ellis, li anke nibagħtuha lil awtoritajiet differenti. U jekk aħniex ukoll *in vigore* meta nibagħtu petizzjoni lil Kumitat tal-istess Kamra ħalli aħna jkollna d-direzzjoni. S'issa li qed tgħidilna inti huwa li ma nistgħux nibagħtuha lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.".

Hawnhekk iċ-Chairperson irrisponda:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Jien għedt li l-Kumitat tal-Ippjanar għandu speċifikament x'jista' jiddiskuti u dawn mhumiex inklużi, jiġifieri li din aħna nistgħu nibagħtuha hemmhekk.".

Imbagħad l-Onor. Vassallo kompla fuq il-punt li qajjem l-Onor. Ellis u qal:

> "**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Jien se nitlob *ruling* abbażi ta' dak li qed tgħid int. Nixtieq nitlob *ruling* lill-Ispeaker abbażi tal-Ordni Permanenti 150, fejn aħna suppost qegħdin niġu direġuti kif nistgħu jkollna diskussjoni; jekk aħniex *in vigore* li nibagħtu petizzjonijiet għad-diskussjoni ta' Kumitat tal-Kamra, anke meta – ħalli nkompli miegħek, Sur President – f'ċerti każijiet il-Kumitat tal-Kamra, kif qed tgħid sewwa inti, jista' jkollu terminu speċifiku x'jista' jiddiskuti u ma jiddiskutix. Però minkejja li hemm dan it-terminu speċifiku ta' x'jista' jiddiskuti taħt l-Ordni Permanenti 150 ta' dan l-istess bord tal-petizzjonijiet, għandna wkoll id-direzzjoni tal-istess regolament li nistgħu nibagħtuha lil dawn. Għaldaqstant meta allura hemm dan in-nuqqas ta' ċarezza – għax inti għandek raġun, imma dan il-Kumitat għandu raġun ukoll – l-Ispeaker jgħidilna fejn nistgħu naslu. Ħalli nkun *fair* anke miegħek. Jien dak li qed infittex kif inkunu kumitat aktar *down to earth* u nagħmlu xi ħaġa.".

Hawnhekk iċ-Chairperson wieġeb u qal:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Inti tlabt *ruling* u l-Ispeaker jagħtik ir-*ruling*. Jien nista' ngħidlek però li ma nistgħux nibagħtuha lill-MEPA. Imma inti tlabt *ruling* …",

u kompla jgħid:

> "**IĊ-CHAIRPERSON:** Jien diġà aċċettajt li tistgħu tibagħtuhom lill-MEPA. Inti issa qed titkellem fuq il-Kumitat tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.".

Finalment l-Onor. Vassallo qal hekk:

> "**ONOR. EDWIN VASSALLO:** Ir-regolamenti jgħidu li nistgħu, mela allura, Sur President, ikollna *ruling* mingħand l-Ispeaker biex f'dan in-nuqqas ta' ċarezza jkollna linja gwida.".

Hawnhekk l-Onor. Ellis ingħaqad mal-Onor. Vassallo u għamel verbal konġunt, u nikkwota:

> "L-Onor. Edwin Vassallo u l-Onor. Joseph Ellis qed jitolbu li jingħata *ruling* mis-Sedja jekk il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet għandux id-dritt li jirreferi petizzjoni lill-Kumitat dwar l-Ippjanar u dan kif hu dispost fl-Ordni Permanenti 150.".

Is-Sedja rat l-Ordni Permanenti 150, li qed jiġi indikat mill-Onor. Joseph Ellis u mill-Onor. Edwin Vassallo, u dan jgħid hekk:

> "150. Kull petizzjoni, kemm jekk preżentata minn membru kif ukoll jekk preżentata minn ċittadin għandha tiġi diskussa mill-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet. Wara dik id-diskussjoni l-Kumitat għandu jiddeċiedi jekk il-petizzjoni għandhiex tiġi riferuta lil xi Kumitat Permanenti jew Magħżul tal-Kamra, jew għandhiex issir

> diskussjoni fil-Kamra kollha. Ikun possibbli wkoll li petizzjoni tiġi riferuta lil xi Ministeru, Dipartiment jew Awtorità. Jista' jiġi deċiż li l-petizzjoni tieqaf hemm u titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra possibbilment b'xi kummenti tal-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet.".

Is-Sedja tat diversi *rulings* fir-rigward tal-mansjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, peress li s-Sedja ġiet mitluba diversi drabi tiddeċiedi jekk xi materja setgħetx tkun diskussa minn dan il-Kumitat. Fid-deċiżjonijiet tagħha dwar din il-materja is-Sedja kella tagħmel dejjem referenza għal-liġi li taħtha kien imwaqqaf il-Kumitat, peress li dan ma hux imwaqqaf bis-saħħa tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra. Ta' min jgħid li f'dawn l-aħħar snin saru diversi tibdiliet fil-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-ambjent u l-ippjanar, li jfisser li matul is-snin il-Kumitat inkwistjoni kien imwaqqaf taħt Kapitoli differenti tal-liġijiet ta' Malta, u skont l-aħħar emendi fl-2020 il-Kumitat issa effettivament jissejjaħ Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

L-ewwel *ruling* li s-Sedja tifferi għalih huwa dak mogħti fis-Seduta 26 tal-4 ta' Ġunju 2013, meta l-Kumitat kien imwaqqaf taħt l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, Kap. 504. Fil-fatt, l-artikolu 34 li dakinhar kien iwaqqaf il-Kumitat kien jgħid hekk:

> "34. (1) Għandu jkun hemm Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li għandu jkun magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kamra, li minnhom tlieta jkunu membri li jappoġġaw lill-Gvern, u li minn fosthom wieħed jinħatar bħala Chairman u li t-tnejn l-oħra jkunu membri magħżula mill-Oppożizzjoni.
> (2) Il-Kumitat Permanenti għandu:
> (a) jagħmel reviżjoni ta' kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-Kumitat Permanenti għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew riġettat;
> (b) jiddiskuti kull rapport riferut lilu mill-Ministru li għandu x'jaqsam mal-pjan ta' struttura jew kull reviżjoni ta' dak il-pjan;
> (ċ) jiddiskuti kull pjan jew *policies* oħra riferita lilu mill-Ministru u jirrapporta fuqu lill-Parlament. Dan ir-rapport jista' jinkludi wkoll kull opinjoni li ma jaqblux dwar il-pjan jew *policies*. Il-Ministru għandu jieħu konjizzjoni tal-imsemmi rapport u għandu jibgħat ir-rapport lill-Awtorità għall-konsiderazzjoni tagħha fid-determinazzjoni mill-Awtorità tal-pjan jew *policy* jekk l-imsemmi pjan jew *policy* tkun għadha ma ġietx approvata mill-Awtorità:
> Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jirrapporta lill-Parlament fil-perjodu li għalih kien mitlub li jagħmel dan, il-Ministru jista' jitlob lill-Awtorità tiffinalizza l-imsemmi pjan jew *policy*, u l-Ministru jista' wkoll japprova l-imsemmi pjan jew *policy* kif mgħoddija lilu mill-Awtorità.".

Fl-istess *ruling* is-Sedja kienet spjegat li:

> "Dan ifisser li biex wieħed ikun jista' jasal għal kwalunkwe eventwalità dwar dak li għalih twaqqaf l-istess Kumitat taħt dak li huwa definit fl-artikolu 34, ma jeskludix li fl-aġenda jkun hemm li l-membri tal-Kumitat jiddiskutu ma' NGOs jew ma' persuni esperti biex ikunu jistgħu jaslu f'waħda jew l-oħra minn dak li huwa indikat fl-artikolu 34(2) ta' dan il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.
>
> Ovvjament wieħed irid joqgħod attent kemm jista' jkun li jevita li jkun hemm problemi bejn il-partijiet u diżgwid dwar l-istess aġenda.".

Fl-istess *ruling* imbagħad kien ġie konkluż dak li jingħad fil-paġni 795 u 796 tat-23 edizzjoni tal-*Erskine May*, fejn jingħad, u nikkwota:

> "*Order in debate in a committee is enforced by the Chairman as he is responsible for the conduct of its business and no appeal from his decision should be made to the Speaker*".

Ladarba l-Ordni Permanenti 150 effettivament jagħti s-setgħa lill-Kumitat li jibgħat petizzjoni lil wieħed mill-Kumitati Permanenti tal-Parlament, is-Sedja rat is-suġġett li kien qiegħed jiġi diskuss fil-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet u dak li ntalab b'mod konġunt mill-Onor. Edwin Vassallo u l-Onor. Joseph Ellis. Is-Sedja rat din il-petizzjoni, li hija indirizzata lill-Membri Parlamentari ta' Malta, fejn fl-ewwel paragrafu tagħha jingħad hekk:

> "F'isem l-Imġarrin kollha, u dawk il-mijiet li qed jappoġġjawna permezz tal-firem mehmuża ma' din il-petizzjoni, qed niktbulkom biex niġbdulkom l-attenzjoni dwar applikazzjoni bin-numru PA05313/20 għal żvilupp fuq għelieqi u xagħri fiż-żona tal-Imġarr, magħrufa bħala Tar-Ragħad. Din l-applikazzjoni saret għal-permess biex jinbnew numru kbir ta' serer li fuqhom se jkun hemm il-pannelli għall-enerġija solari. Dan l-iżvilupp se jieħu madwar 43,303 metru kwadru, li jiġu d-daqs ta' madwar seba' grawnds tal-futbol.
> Aħna ninsabu ferm imħassbin dwar dan l-iżvilupp.".

Fir-*ruling* mogħti fis-Seduta 130 tas-17 ta' Marzu 2014, is-Sedja kienet kkunsidrat ukoll jekk meta l-kwestjoni tikkonċerna proġett, il-proġett innifsu jistax jiġi diskuss fil-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, tant, u nikkwota:

> "M'hemmx dubju li hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq proġett li qiegħed quddiem il-MEPA fejn il-MEPA trid tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni ta' żvilupp bħal f'kull proġett ieħor. Wieħed irid jara jekk l-istess Kumitat li twaqqaf taħt l-artikolu 34 tal-Kap. 504 jistax imur *oltre* minn dawk il-poteri li għandu, kif joħroġ mill-istess liġi. Min-naħa l-oħra, il-punt l-ieħor huwa li ladarba dan il-Kumitat ħass il-ħtieġa li għandu jagħmel referenza lill-House Business Committee biex jistrada fejn għandha ssir id-diskussjoni dwar dan il-proġett u l-House Business Committee ddeċieda li għandha tmur fil-plenarja, wieħed issa jrid jara jekk Kumitat imwaqqaf b'liġi bħalma hu l-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, għandux poteri addizzjonali ma' dawk li diġà għandu u li joħorġu mill-istess interpretazzjoni tal-artikolu 34.
>
> Dan il-punt joħroġ ċar mid-deċiżjoni li s-Sedja kienet diġà tat fis-seduta 26 tal-4 ta' Ġunju 2013, li saret referenza għaliha waqt id-diskussjoni fil-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li saret fit-12 ta' Marzu, 2014. F'dik il-laqgħa l-Onor. George Pullicino kien talab *ruling* dwar l-aġenda tal-istess Kumitat, speċifikament x'suġġetti jistgħu jiġu diskussi minn dan il-Kumitat. Dakinhar is-Sedja, filwaqt li tat interpretazzjoni ċara li l-Kumitat irid jaħdem bilfors fuq dawk il-poteri li joħorġu mill-istess liġi li huma ben definiti fis-subartikolu (2) tal-artikolu 34 [*diġà kkwotat aktar kmieni*]".

Fl-istess *ruling* tas-17 ta' Marzu 2014, iċ-Chairperson tal-Kumitat, l-Onor. Marlene Farrugia, waqt li kienet qed tippresjedi l-laqgħa tal-istess Kumitat fit-12 ta' Marzu 2014, hija kkwotata tgħid hekk:

> "Jekk 'il quddiem niddeċiedu li nbiddlu l-liġijiet li waqqfu dan il-Kumitat u nivvotaw biex ikollna Kumitat li ma jkunx jiddependi daqshekk minn interpretazzjoni tal-mod kif ġie mwaqqaf, allura 'il quddiem niddiskutuha u nagħmlu hekk.".

Minn dawn ir-rulings joħroġ ċar illi l-mansjoni ta' dan il-Kumitat huwa strett u huwa dak mogħti mill-poteri tal-liġi li jkun imwaqqaf taħtha.

Fil-konsiderazzjoni tagħha tat-talba, is-Sedja nnotat illi wara diversi tibdiliet leġiżlattivi, il-Kumitat li għamlu referenza għalih l-Onor. Ellis u l-Onor. Vassallo issa jinsab imwaqqaf permezz ta' Artikolu 60 tal-Kap. 552 tal-Liġijiet ta' Malta, jigifieri l-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, li jgħid illi:

> "60.(1) Għandu jkun hemm Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li għandu jkun magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kamra, li minnhom tlieta jkunu membri li jirrappreżentaw lill-Gvern, u li minn fosthom wieħed jinħatar bħala Chairperson, u t-tnejn l-oħra jkunu membri li jirrappreżentaw lill-Oppożizzjoni.
>
> (2) Il-Kumitat Permanenti għandu jiddiskuti kull strateġija, pjan jew policy riferuti lilu skont l-artikoli 46 u 53 u kull ħaġa oħra riferuta lilu skont l-Att għall-Protezzjoni tal-Ambjent u l-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima u jipprepara rapport u dan ir-rapport għandu jiġi riferut lill-Kamra u lill-Ministru.
>
> Dan ir-rapport jista' wkoll jinkludi kull opinjoni li ma taqbilx fuq l-istrateġija, pjan jew policy. Il-Ministru għandu jieħu konjizzjoni tar-rapport:
>
> Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jipprepara rapport fil-perjodu stipulat fl-Att, il-Kunsill Eżekuttiv jista' jadotta l-imsemmija strateġija, pjan jew policy u l-Ministru jista' wkoll japprova l-imsemmija strateġija, pjan jew policy kif mgħoddija lilu mill-Kunsill Eżekuttiv."

Fir-*ruling* mogħti fis-Seduta 193 tal-5 ta' Frar 2019 – allura bil-mansjoni kif definita wara l-Kumitat mexa taħt liġi ġdida – is-Sedja kienet fil-fatt ippreċiżat li:

> "Għalhekk, il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp irid bilfors joqgħod fuq dak li huwa ben definit fil-liġi.".

F'dak ir-*ruling* is-Sedja kienet għamlet ukoll referenza għat-Tielet Skeda dwar il-pjanijiet u l-*policies* li għandom ikunu mressqa quddiem il-Kumitat Permanenti skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 60, li huma:

> "(a) dawk il-pjanijiet u *policies* li jirreferu għall-art li tinsab barra minn żona ta' żvilupp kif definit fl-Istrateġija Spazjali jew fi pjanijiet oħra;
> (b) dawk il-pjanijiet u *policies* li jirregolaw esklussivament il-limitazzjonijiet tal-għoli u r-restrizzjonijiet fuqhom;
> (ċ) pjanijiet lokali, minbarra emendi minuri ta' dawn l-istess pjanijiet;
> (d) *policies* li għandhom x'jaqsmu ma' u li jirregolaw ċertifikati ta' konformità.".

Is-Sedja għamlet ukoll referenza għall-artikolu 31 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, Kap. 549, dwar x'jista' jirreferi l-Ministru lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u nikkwota:

> "(a) kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew skartat;
> (b) l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent u r-Rapport dwar l-Istat tal-Ambjent;
> (ċ) kull rapport, pjan jew policy oħra skont ma l-Ministru jqis li hu meħtieġ."

Għall-kompletezza, skont Artikolu 60 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, is-Sedja għamlet ukoll referenza għall-artikolu 9(1) tal-Att dwar l-Azzjoni dwar il-Klima, Kap. 543, dwar x'jista' jirreferi l-Ministru lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u nikkwota:

> "(3) Skont is-subartikoli (1) u (2) ta' dan l-artikolu u l-artikolu11(2)(f), il-Ministru għandu jirreferi r-rapporti, l-istrateġija jew il-policy lill-Kumitat Permanenti."

Ta' min isemmi li f'dawn ir-rulings hemm eċċezzjoni waħda fejn il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, jista' jiddiskuti materji li ma jaqgħux strettament fil-mansjoni tiegħu skont il-liġi twaqqfu, u ċjoè meta jkun hemm mozzjoni fil-Plenarja sabiex il-Kumitat jiddiskuti materja, u nerġa' nikkwota mir-ruling tas-Sedja tas-7 ta' Marzu 2014 u ripetut fir-rulings tal-5 ta' Frar u tas-7 ta' Ottubru 2019, fejn ingħad illi:

> "U jekk issir mozzjoni fil-plenarja fejn ikun hemm qbil fil-Kamra li, *notwithstanding* dak li hemm miktub fil-liġi, jagħti poter addizzjonali lill-istess Kumitat biex tkompli tiġi diskussa l-istess materja, anke wara d-diskussjoni fil-plenarja, dak huwa mod kif wieħed jista' jwessa' l-poteri tal-Kumitat. Jiġifieri b'awtorizzazzjoni mill-Kamra kollha u mhux mill-membri tal-istess Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp..."

Fin-nuqqas ta' mozzjoni fil-Kamra kif spjegat hawn fuq, is-Sedja tiddeċiedi illi filwaqt li skont l-Ordni Permanenti 150 il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet jista' jirreferi petizzjoni lil xi Kumitat parlamentari ieħor, l-ebda petizzjoni ma tista' tiġi riferuta lill-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp peress illi l-mansjoni ta' dan il-Kumitat hija dik kif strettament definita fil-liġi li twaqqaf l-istess Kumitat.

Ir-*ruling* huwa deċiż.